**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 391/2017 AF**

**Fimbank p.l.c. (C-17003)**

**vs**

**Ir-Registratur tal-Qrati u ghal kull interess li jista' jkollhom, l-Avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar, il-Prokuratur Legali Gillian Muscat u Banque Nationale de Developpement Agricole (numru tar-registrazzjoni RCCM1554)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-bank attur Fimbank p.l.c., li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fis-7 ta' Diċembru 2016, il-bank rikorrenti (il-"**Bank**") ppreżenta kawża numru 1115/2016AF kontra l-Banque Nationale de Developpement Agricole, soċjetà estera reġistrata

f'Mali ("**BNDA**"). Kontestwalment mar-rikors ġuramentat ippreżentat mill-Bank, ġie ppreżentat ukoll rikors b'talba sabiex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil BNDA, soċjetà estera li ma kellha ebda persuna jirrappreżentaha f'Malta.

Inħatru l-Avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil BNDA u fis-26 ta' Jannar 2017, il-kuraturi ppreżentaw risposta ġuramentata (kopja hawn annessa u mmarkata 'Dok.A').

Fit-30 ta' Marzu 2017, l-Avukat Dr. Nicolai Vella Falzon talab lill-Onorabbli Qorti tordna l-estromessjoni tal-kuraturi għaliex hu kien ġie appuntat mandatarju speċjali ta' BNDA.

Fit-30 ta' Marzu 2017, qabel ma l-kuraturi ġew estromessi, l-istess kuraturi bagħtu ittra bonarja lill-Bank jitolbu l-ħlas tad-drittijiet u ma' din l-ittra kien hemm anness taxxa ta' drittijiet u spejjeż "*come estromessi*" liema taxxa ma kenitx iffirmata.

Fit-3 ta' April 2017, il-kuraturi ppreżentaw rikors fl-atti tal-kawża numru 1115/2016AF (kopja hawn annessa u mmarkata 'Dok.B') permezz ta' liema talbu l-estromessjoni iżda mhux qabel ma jkunu tħallsu d-drittijiet legali tagħhom. Waqt is-seduta tal-5 ta' April 2017, l-Onorabbli Qorti ordnat l-estromessjoni tal-kuraturi u ddikjarat li għandhom jibqgħu mpreġudikati d-drittijiet tal-kuraturi.

Għalkemm fis-7 ta' April 2017, il-kuraturi ppreżentaw nota permezz ta' liema ddikjaraw illi huma kienu qed jirtiraw ir-rikors tagħhom tat-3 ta' April 2017 u li mhux qed jinsistu fuq dik it-talba f'dan l-istadju (kopja hawn annessa bħala 'Dok.C'), il-Bank xorta kellu jippreżenta dan ir-rikors għaliex altrimenti t-taxxa ta' drittijiet u spejjeż kienet issir titolu eżekuttiv.

Fl-24 ta' April 2017, il-kuraturi ppreżentaw ittra ġudizzjarja fejn darb'oħra talbu l-ħlas tad-drittijiet (kopja hawn annessa bħala 'Dok.D').

Mhuwiex ċar kif it-taxxa ta' drittijiet, li qed tiġi kkontestata permezz ta' dan ir-rikors (kopja annessa ma' 'Dok.D'), ġiet

ikkalkulata, u f'dan ir-rigward il-Bank qiegħed jirriżerva d-drittijiet kollha tiegħu.

L-artikolu 13 tat-Tariffa E (Skeda A) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi d-dritt dovut lill-avukat għal kull sentenza definittiva. F'dan l-istadju, m'hemmx sentenza definittiva fil-kawża 1115/2016 AF. Lanqas hemm dikjarazzjoni ai termini ta' l-art 14 tat-Tariffa E (Skeda A) tal-Kap.12.

Għalhekk, it-tassazzjoni tad-drittijiet dovuti lill-kuraturi ma tistax issir f'dan l-istadju. Addizzjonalment, skond l-artikoli 28-31 tat-Tariffa E (Skeda A) tal-Kap.12, jekk kawża ma titkompliex jew jekk ikun hemm transazzjoni jew ċessjoni, id-drittijiet dovuti jkunu anqas. Għalhekk f'dan l-istadju tant bikri tal-proċeduri 1115/2016AF istitwiti mill-Bank, mhuwiex possibbli li r-Reġistratur jintassa d-drittijiet tal-kuraturi.

Addizjonalment, il-Bank iħossu obbligat li jikkummenta fuq l-ammont li ġie stabbilit bħala d-dritt dovut lill-kuraturi fit-taxxa ta' drittijiet u spejjeż, meta l-inkarigu tagħhom kien limitat għall-preżentata tar-risposta ġuramentata hawn annessa u attendenza għal żewġ seduti.

Jingħad ukoll illi, ladarba BNDA huma issa rrappreżentati mill-Avukat Dr. Nicolai Vella Falzon fil-kawża 1115/2016AF, ladarba jkun hemm sentenza definittiva fl-imsemmija kawża, ser jiġu wkoll ntaxxati d-drittijiet ta' l-imsemmi avukat.

In oltre kienet is-soċjetà BNDA stess li għazlet li tingaġġja hi avukati oħra u ma tibqax semmai rappreżentata mill-kuraturi, u għalhekk għandha tkun l-istess soċjetà li semmai proviżorjament, u biss jekk ikun il-każ, tħallas l-ispejjeż tal-kuraturi, u mhux il-Bank rikorrent.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara nulla t-tassazzjoni tad-drittijiet magħmula mill-intimat Reġistratur tal-Qrati fil-kawża 1115/2016AF (fl-ismijiet *Fimbank p.l.c. vs Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar et nomine*) maħduma fis-6 ta' April 2017;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jintaxxa u jillikwida d-drittijiet dovuti lill-kuraturi biss meta jkun hemm sentenza definittiva fil-kawża 1115/2016AF (fl-ismijiet *Fimbank p.l.c. vs Avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar et nomine*) jew jekk il-kawża tiġi ċeduta;

3. Alternattivament, jekk dawn it-talbiet tal-bank rikorrent ma jintlaqgħux minn din l-Onorabbli Qorti, torna lil BNDA sabiex iħallsu l-ispejjeż tal-kuraturi, anke jekk provviżorjament.

   Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon bħala mandatarju speċjali ta' Banque Nationale de Developpement Agricole li permezz tagħha eċċepixxa illi:

*Dwar l-Ewwel u t-Tieni Talba tal-Bank Rikorrent*

Dwar l-ewwel u t-tieni talba tal-bank rikorrent il-bank esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti dwar l-istess iżda fl-istess waqt jixtieq jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Għalkemm jaqbel ma' l-osservazzjoni illi għamel il-bank rikorrent fis-sens illi t-taxxa in kwistjoni ma tispjegax kif ġew intaxxati d-drittijiet tal-kuraturi estromessi, l-bank esponent josserva illi jidher illi dawn huma approssivament ekwivalenti għal żewġ terzi (2/3) tad-drittijiet spettanti lill-avukati u prokuraturi legali tal-partijiet a tenur ta' l-artikolu 13 tat-Tariffa E (Skeda A) tal-Kodiċi dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Filwaqt illi l-estromessjoni ma hijiex imsemmija fit-Tariffa E (Skeda A), il-Bank esponent huwa tal-fehma illi l-estromessjoni tista' u għandha titqies bħala ċirkostanza kontemplata fl-artikolu 33 ta' l-istess Skeda u cioè bħal meta avukat jitlaq lill-klijent jew jiġi abbandunat mill-klijent. Dan qed jingħad għaliex meta jinħatru kuraturi nominati l-parti konċernata

għandha dejjem l-għażla li żżomm lill-istess kuraturi sabiex jirrappreżentawha fil-kawża u għalhekk meta l-istess parti tagħżel illi tqabbad avukati oħra u titlob l-estromessjoni tal-kuraturi nominati din tkun (indirettament) qed 'tabbanduna' lill-kuraturi nominati bħala rappreżentanti tagħha fil-kawża.

Abbażi ta' din l-interpretazzjoni l-Bank esponent huwa tal-fehma illi *se mai* għandha tapplika t-tariffa fl-artikolu 33(1) tat-Tariffa E (Skeda A) u ċioè ta' terz (1/3) u mhux żewġ terzi (2/3) tad-drittijiet kalkolati *ad valorem*.

Għalhekk jidher illi jista' jkun hemm żball fit-taxxa kif maħruġa.

*Dwar it-Tielet Talba tal-Bank Rikorrent*

It-tielet talba tal-bank rikorrent hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u din għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra l-bank rikorrent u dan għar-raġunijiet addizzjonali segwenti.

Fl-ewwel lok u b'mod preliminari, t-tielet talba tal-bank rikorrent (li permezz tagħha qed jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti tordna illi l-bank esponent iħallas d-drittijiet tal-kuraturi, anke jekk provviżorjament), hija insostenibbli f'dawn il-proċeduri għaliex din it-talba bl-ebda mod ma hija kontemplata fl-artikolu 64(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li abbażi tiegħu jidher ġie intavolat ir-rikors odjern.

Mingħajr preġudizzju u fi kwalunkwe kaz il-bank rikorrent għandu jgħid taħt liema disposizzjoni tal-liġi qiegħed jagħmel din it-tielet talba tiegħu sabiex il-bank esponent ikun jista' jiddefendi ruħu dwar l-istess talba u sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkunsidra jekk l-istess talba hijiex permessibbli f'dawn il-proċeduri.

Sakemm l-azzjoni tentata mill-bank rikorrent fit-tielet talba tiegħu ma hijiex espressament kontemplata fil-liġi u ma huwiex espressament permess illi din tinġieb permezz ta' rikors, din it-talba kellha ssir u setgħet issir <u>biss</u> b'rikors ġuramentat u dan skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 161 tal-Kapitolu 12.

Għalhekk a tenur ta' l-artikolu 164(1) tal-Kapitolu 12 it-tielet talba tal-bank rikorrent hija insostenibbli u għandha titqies illi hija nulla u dan peress illi l-liġi tiddisponi illi jkun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor.

Fil-mertu s-sottomissjonijiet magħmula mill-bank rikorrent fil-paragrafi 12 u 13 tar-rikors promotur huma nfondati għaliex f'kaz illi l-bank rikorrent ikun tellief fil-kawża in kwistjoni, huwa xorta ma jkunx obbligat illi jħallas iktar minn dritt wieħed u dan a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 32(a) tat-Tariffa E (Skeda A) tal-Kapitolu 12. Dan l-artikolu jgħid hekk:

> *"Jekk ikun imqabbad iżjed minn Avukat wieħed mill-istess parti fl-istess kawża, kull wieħed mill-Avukati jkun intitolat għad-dritt sħiħ stabbilit:*
>
> *Iżda l-parti li tirbaħ il-kap tal-ispejjeż, għalkemm tkun qabbdet iżjed minn Avukat wieħed, ma jkollhiex dritt li titlob lill-parti telliefa iżjed minn dritt wieħed sħiħ."* (emfasi miżjud)

L-istess jistipula l-artikolu 35 ta' l-istess Tariffa E (Skeda A), li japplika fejn parti tqabbad iżjed minn avukat wieħed, wieħed wara l-ieħor.

Għalhekk, ir-raġunament tal-bank rikorrent li bih qed jipprova jiġġustifika t-tielet talba tiegħu huwa żbaljat u nfondat.

Fi kwalunkwe kaz u mingħajr preġudizzju, hija prassi konsistemtement applikata minn dawn il-Qrati illi l-kuraturi nominati dejjem jitħallsu provviżorjament mill-parti jew persuna li talbet l-ħatra tagħhom u dan huwa rifless ukoll fl-artikolu 938 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Diment illi kien il-bank rikorrent illi talab il-ħatra tal-kuraturi għandu jkun hu illi jħallas l-ispejjez u drittijiet tagħhom provviżorjament u mhux jipprova jitfa l-oneru tiegħu fuq il-bank esponent u dan a tenur ta' l-artikolu 938 tal-Kapitolu 12.

Fi kwalunkwe kaz u mingħajr preġudizzju din it-tielet talba tal-bank rikorrent qed issir bl-aktar mod sfaċċat tenut kont illi kif jista' jiġi pruvat jekk ikun il-kaz, il-bank rikorrent diġà uża b'mod arbitrarju u mingħajr kunsens tal-bank esponent flus li kellu tal-bank esponent li kellu fil-pussess tiegħu sabiex iħallas l-ispejjez tal-kawża fil-mertu illi intavola l-bank rikorrent stess! Illi dan diġa ġie rilevat fil-paragrafi 23 sa 25 tar-risposta ġuramentata tal-bank esponent fil-kawża fil-mertu (kopja annessa u markata Dok. BNDA 1) u l-bank esponent ġja rriżerva l-posizzjoni tiegħu dwar dawn il-flus arbitrarjament meħuda mill-kontijiet bankarji tal-bank esponent.

Għalhekk it-tielet talba tal-bank rikorrent hija fiċ-ċirkostanzi wkoll u fuq kollox talba inġusta u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra tiegħu.

Din ir-risposta qed issir mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati hekk kif mogħtija fil-kawża fil-mertu fl-ismijiet *FimBank p.l.c.* vs *Av Dr Nicolai Vella Falzon noe* (rikors numru 1115/2016AF).

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta tal-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 maghmula mill-bank rikorrent fejn qed jitlob li tigi annullata taxxa mahruga mill-esponenti fis-7 ta' April 2017 fil-kawza *Fimbank plc vs Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar et noe (Rik. Gur. 1115/2016AF)*.

Din it-taxxa giet mitluba mill-Kuraturi Deputati nominati fuq talba tal-Bank rikorrenti biex jirrapprezentaw lis-socjetà estera Banque Nationale de Developpement Agricole fil-kawza sudetta.

Il-kuraturi deputati mahtura gew notifikati bil-kawza u ntavolaw ir-risposta taghhom, u ghalhekk ghandu jinghad mill-ewwel li in vista ta' dan il-kuraturi deputati ghandhom id-dritt li jithallsu skond it-tariffa E tal-iskeda A annessa mal-Kodici ta'

Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) senjatament il-paragrafu 41(a) li jaghmilha cara li d-drittijiet tal-kuraturi deputati huma dawn stabbiliti fit-Tariffa E tal-istess Kodici.

Fil-5 ta' April 2017 il-Qorti laqghet it-talba tas-socjetà intimata ghall-estromessjoni tal-Kuraturi Deputati.

Sussegwentement il-kuraturi talbu lir-Registratur sabiex jintaxxa l-kawza u ghalhekk inharget it-taxxa fis-7 ta' April 2017 fuq liema taxxa gie ntavolat dan ir-rikors.

L-esponenti mhux ser jidhol fil-kwistjoni rigward ir-rikors tat-3 ta' April 2017 tal-kuraturi deputati jew l-irtirata tieghu, ghaliex dik hija kwistjoni li ma tiddependix fuq jew mhux kagun ta' xi ghemil tar-Registratur u kwindi hija *res inter alios acta*.

L-esponenti ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti qed jghid li "Mhuwiex car kif it-taxxa ta drittijiet, li qed tigi kkontestata permezz ta' dan ir-rikors … … … giet ikkalkulata". Huwa stabbilit minghajr ebda ombra ta' dubju, li kawza li qed titlob minn Qorti ordni sabiex l-intimat ihallas somma monetarja, tigi ntaxxata fuq dik is-somma mitluba. Huwa carissimu li fil-kawza sudetta numru 1115/16 AF, il-bank rikorrent talab lil din il-Qorti tordna lis-socjetà intimata thallsu s-somma ta' €6,897,182.50. It-taxxa tinhadem dejjem skond it-talbiet maghmula fir-rikors guramentat u dan indipendentement minn jekk it-talbiet dedotti jigux milqugha jew le. Il-gurisprudenza nostrana hija cara in materja u tghid illi "t-tassazzjoni tal-kawzi ghandha tigi regolata mid-domanda jew talba" (vide ***Av. Leslie Grech noe vs Frank Ablea et***, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Jannar 2002).

Id-drittijiet mahduma mir-Registratur johorgu mill-paragrafu 13 tat-Tariffa E. Illi huwa minnu li dan il-paragrafu jitkellem dwar drittijiet li jinghataw wara sentenza definittiva izda t-Tarrifa E mill-paragrafu 28 'il quddiem tistabilixxi l-istess drittijiet anke f'dawk ic-cirkostanzi fejn ma tinghatax sentenza definittiva.

Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 imsemmi mir-rikorrenti f'para. 9 tar-rikors promotur, dan ma jinkwadrax ruhu f'kawza b'talbiet kif maghmula fir-rikors guramentat odjern u dan ghaliex ma kien hemm ebda talba ghal likwidazzjoni ta' danni. In fatti l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 jghid illi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur **determinat jew determinabbli** skond il-ligi jew **mill-process**, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit". F'dan il-kaz l-ammont involut kiens tabbilit fit-talbiet tal-bank rikorrent stess.

Jinghad ukoll illi l-bank rikorrenti qed jikkontendi li peress li ghadha ma nghatatx sentenza, t-tassazzjoni tad-drittijiet dovuti lill-kuraturi ma tistax issir f'dan l-istadju. Dan mhux il-kaz, in fatti s-sentenza ***St. George's Park Co Ltd vs Dr. Hugh Peralta et deciza fit-28 ta' April 2005*** minn din il-Qorti kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Tonio Mallia tenniet li avukat li ma jibqax jippatrocina klijent f'kawza ghandu dritt ghall-hlas tieghu immedjatament, u mhux obbligat joqghod jistenna li l-kawza tigi determinata. Il-Qorti tal-Appell f'din l-istess kawza hawn fuq citata tenniet li "Ghandu jinghad ukoll li issa ma hemm ebda kwistjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà attrici u cioè li l-avukat ghandu dritt jitlob it-taxxa dwar id-drittijiet tieghu la darba jirrinunzja ghall-patrocinju tal-klijent tieghu anke meta l-kawza tkun ghadha miexja" (18 ta' Frar 2016). Illi ghalhekk mhuwiex korrett li jinghad li r-registratur ma jistax johrog taxxa ghal avukat li ma jkomplix fil-kawza qabel ma tinghata sentenza fil-kawza.

Il-Bank rikorrenti jargumenta illi ladarba t-Tariffa E ma tistabilixxix drittijiet f'kaz ta' estromessjoni tal-kuraturi allura dawn ma ghandhomx jithallsu. Illi f'dan ir-rigward dak li jistabilixxi l-paragrafu 33 tat-Tariffa E fejn jinghad illi:

> *33. Jekk Avukat jitlaq lill-klijent jew jigi abbandunat mill-klijent:*
>
> *(i) Wara li r-rikors jew ir-risposta tkun giet prezentata, ikollu jedd ghal terz tad-dritt normali;*

*(ii) Wara l-istadji ta' hawn fuq izda qabel ma tigi differita l-kawza ghas-sentenza, jkun intitolat ghal zewg terzi tad-dritt normali.*

Fil-kaz *de quo*, r-Registratur hadem id-dritt tal-kuraturi estromessi, fuq zewg terzi (2/3) tad-dritt peress li l-estromessjoni sehhet wara l-istadji msemmija fil-paragrafu 33(i) fuq indikat, tant huwa hekk illi l-kawza kienet appuntata u kienet anke bdiet tinstema' u ghalhekk kienet dahlet fil-fazi ta' wara l-gheluq tal-proceduri bil-miktub.

Rigward l-ammont li gie stabbilit bhala dritt tal-kuraturi meta x-xoghol taghhom kien limitat ghall-prezentata tar-risposta guramentata u attendenza ghal zewg seduti, l-esponenti jirrileva illi wiehed irid joqghod ghal dak li tghid it-tariffa u t-tariffa ma tistabilixxix limitu ta' numru ta' seduti li avukat irid jattendi biex ikun jista' jithallas. Dan it-tip ta' kawzi jithallsu fuq il-valur in kontestazzjoni.

Rigward il-fatt illi s-socjetà intimata ingaggat avukat iehor, it-tariffa E tahseb ghal tali eventwalità permezz tal-paragrafu 34.

Finalment ir-Registratur esponenti ma jidholx bejn il-partijiet biex jiddeciedi min ghandu jhallas lill-kuraturi, jekk mhux min ghamel it-talba ghall-kuraturi sabiex tkun tista' tinfetah il-kawza jew minghand il-mandatarju tal-istess socjetà intimata li talab l-estromissjoni tal-kuraturi peress li l-mansjoni tar-Registratur hija li johrog it-taxxa u mhux li jiddetermina min ghandu jhallas l-ispejjez.

Ghalhekk huwa car illi t-taxxa *de quo* hija mahduma korrettement u hija vlaida ghaliex giet emessa skond il-ligi. Isegwi li t-talbiet tal-Bank rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Avukat Dottor Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat li permezz tagħha eċċepew illi:

L-esponenti qed jopponu t-talbiet tar-rikorrenti billi dawn huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u t-taxxa mahruga u

ufficjalizzata mir-registratur tal-Qorti fil-procedura 1115/16/AF kif notifikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' April 2017 ghandha tigi kkonfermata bhala wahda valida u korretta.

Kontrarjament ghal dak kontenut fil-premessi 5, 6 u 7 tar-rikors promotur, l-esponenti jecepixxu li huma qatt ma' rtiraw jew naqsu l-interess taghhom fid-drittijiet spettanti lilhom fil-procedura bir-rikors guramentat numru: 1115/2016/AF u jinghad li gie rtirat ir-rikors tat-3 ta' April 2017 ghas-semplici raguni li wara li inghata d-digriet ta' l-estromessjoni fil-5 ta' April 2017 ma kienx ghad hemm skop ghall-istess rikors u kif kienet ipostulata t-talba.

Jigi eccepit ukoll li t-taxxa annessa ma' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' April 2017 hija wahda ufficjali mahruga u ffirmata mir-Registratur tal-Qorti. Illi minkejja din l-interpellazzjoni ufficjali r-rikorrenti qatt ma rrispondew ghall-istess interpellazzjoni imma pprocedu bil-presentata tar-rikors *de quo*.

L-esponenti jecepixxu li t-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti fil-procedura 1115/2016/AF kif notifikata lir-rikorrent permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' April 2017 hija wahda valida u korretta skond Tariffa E ta' Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-artikolu 938 u paragrafu 41 tat-Tariffa E (Skeda A) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-kuraturi ghandhom drittijiet *mutatis mutandis* ghal dawk ta' l-avukati fil-kawza.

Il-procedura, rikors guramentat numru: 1115/2016/AF giet originarjament intavolata, nhar is-7 ta' Dicembru 2016, b'talba cara, *ad valorem* tant li r-rikorrenti talbet dikjarazzjoni ta' kreditu favur taghha kontra l-intimati fil-kawza ta' **sitt miljuni tmien mija u sebgha u disghin elf mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsin centezmu** (Euro 6,897,182.50) tant li mal-presentata tar-rikors guramentat ir-rikorrenti hallset ir-registru t-tariffa kkalkolata *ad valorem* fuq il-kawza minnhom hekk intavolata u dan fl-ammont ta' **tlieta u sittin elf seba' mija tnejn u sittin punt sittax–il centezmu** (Euro 63,762.16) u ghalhekk it-tassazzjoni tal-kawza kellha fil-fatt issir, kif saret,

abbazi tal-valur mitlub mir-rikorrenti stess fir-rikors guramentat.

It-taxxa tinhadem dejjem skont it-talbiet maghmula fir-rikors guramentat u dan indipendentement minn jekk it-talbiet dedotti jigux milqugha jew le. Il-gurisprudenza nostrana hija cara in materja u tghid illi "t-tassazzjoni tal-kawzi ghandha tigi regolata mid-domanda jew talba" (*vide* ***Av. Leslie Grech noe vs Frank Abela et***, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Jannar 2002).

Isegwi li r-rikorrenti mhux korretti f'dak premess fil-paragrafu numru 9 ghax fil-fatt it-tassazzjoni *ad valorem* saret ezattament ai termini tal-paragrafu 13 tat-Tariffa E (Skeda A) u l-paragrafu 14 tat-Tariffa E (Skeda A), f'dan il-kaz ma japplikax.

Mhux korretta ukoll ir-rikorrenti fil-premessa numru 9 u 10 meta tillimita c-cirkostanzi tat-tassazzjoni ta' kawza ghal biss meta jkun hemm jew sentenza definittiva jew transazzjoni jew cessjoni. Konvenjentement gew ikkwotati paragrafi 28-31 tat-Tariffa E (Skeda A) u mhux paragrafu 33 u 34 tat-Tariffa E (Skeda A) fejn jistabilixxi li f'kaz li avukat jabbanduna jew jigi abbandonat, li jekwipara ghal estromessjoni, ghandu l-istess drittijiet bir-rati ta' tassazzjoni hemm stabbiliti fl-istess paragrafu li abbazi taghhom ir-Registratur hareg w ufficjalizza din it-taxxa mertu tar-rikors *de quo* in segwitu ghad-digriet ta' estromessjoni tal-5 ta' April 2017.

Jinghad ukoll illi l-bank rikorrent qed jikkontendi li peress li ghadha ma nghatatx sentenza, t-tassazzjoni tad-drittijiet dovuti lill-kuraturi ma tistax issir f'dan l-istadju. Dan mhux il-kaz, in fatti s-sentenza ***St. George's Park Co Ltd vs Dr. Hugh Peralta et deciza fit-28 ta' April 2005*** minn din il-Qorti kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Tonio Mallia tenniet li avukat li ma jibqax jippatrocina klijent f'kawza ghandu dritt ghall-hlas tieghu immedjatament, u mhux obbligat joqghod jistenna li l-kawza tigi determinata. Il-Qorti tal-Appell f'din l-istess kawza hawn fuq citata tenniet li "Ghandu jinghad ukoll li issa ma hemm ebda kwistjoni dwar l-ewwel ecezzjoni tas-socjetà attrici u cioè li l-avukat ghandu dritt jitlob it-taxxa dwar

id-drittijiet tieghu la darba jirrinunzja ghall-partroncinju tal-klijent tieghu anke meta l-kawza tkun ghandha miexja" (18 ta' Frar 2016). Illi ghalhekk mhuwiex korrett li jinghad li r-Registratur ma jistax johrog taxxa ghal avukat li ma jkomplix fil-kawza qabel ma tinghata sentenza fil-kawza.

Fil-kaz *de quo*, ir-Registratur hadem id-dritt tal-kuraturi estromessi, fuq zewg terzi (2/3) tad-dritt peress li l-estromessjoni sehhet wara l-istadji msemmija fil-paragrafu 33(i) fuq inidkat, tant huwa hekk illi l-kawza kienet appuntata u kienet anke bdiet tinstema' u ghalhekk kienet dahlet fil-fazi ta' wara l-gheluq tal-proceduri bil-miktub.

Paragrafu 34 tat-Tariffa E (Skeda A) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jitratta ukoll mal-premessa numru 12 tar-rikors promotur u jiddetermina x'jigri f'kazijiet bhal dawn fejn ikun hemm kambjament fl-avukat fil-kawza.

Il-kumment kontenut fil-premessa numru 11 tar-rikors promotur ma jimmeritax eccezzjoni formali jew ebda konsiderazzjoni ohra billi, kif hemm miktub fir-rikors stess hu semplici kumment u mhux premessa legali bla ebda validità anzi huwa turija ta' hwejjeg ohra li m'ghandhom jsibu posthom fi procedure legali. Li hu zgur hu li t-taxxa nhaddmet skont it-tariffa.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni għal ritassa. Il-Bank rikorrenti qiegħed jikkontesta d-dritt intaxxat favur l-Avukat Dottor Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat 'come estromessi' maħruġa mir-Reġistratur intimat fil-kawża fl-ismijiet **Fimbank p.l.c. vs Avukat Dottor Mark A. Mifsud Cutajar LLD u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw Banque Nationale de**

**Developpement Agricole, soċjeta estera reġistrata f'Mali fl-indirizz BP 2424, Zone ACI 2000, Bd Du Mali, ACI 2000, Bamako, Mali, bin-numru ta' reġistrazzjoni RCCM 1554 u fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' April 2017, il-Qorti ordnat li jiġu estromessi l-kuraturi u awtoriżżat lil Dottor Nicolai Vella Falzon biex jassumi l-atti tal-kawża**, liema kawża tinsab pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Dan peress illi l-bank rikorrenti jikkontendi li t-taxxa ta' drittijiet intaxxata favur il-kuraturi deputati estromessi għandha tinħadem biss meta jkun hemm sentenza definittiva fl-imsemmija kawża u allura li din it-taxxa għandha tiġi dikjarata nulla. Il-bank rikorrenti qiegħed jitlob lill-Qorti wkoll sabiex alternattivament, tordna li l-ħlas tad-drittijiet professjonali ntaxxati favur il-kuraturi deputati estromessi isir mill-bank intimat fl-imsemmija kawża, anke jekk proviżorjament.

Mill-atti tal-kawża **Fimbank p.l.c. vs Avukat Dottor Mark A. Mifsud Cutajar et noe**, jirriżulta li fuq talba tal-bank rikorrenti, din il-Qorti ħatret lill-Avukat Dottor Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gillian Zammit bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-bank esteru Banque Nationale de Developpement Agricole, reġistrat f'Mali. Fl-ewwel udjenza tat-2 ta' Marzu 2017, l-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon informa lill-Qorti li x'aktarx kien ser jinħatar bħala mandatarju speċjali tal-bank intimat. Fil-fatt, Dottor Vella Falzon ippreżenta rikors appożitu fit-30 ta' Marzu 2017 fejn talab ukoll lill-Qorti tordna l-estromessjoni tal-kuraturi deputati. Il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat l-estromessjoni tal-kuraturi deputati fl-udjenza tal-5 ta' April 2017 u awtorizzat lil Dottor Nicolai Vella Falzon jassumi l-atti tal-kawża bħala mandatarju speċjali tal-bank intimat f'dik il-kawża, b'dan illi ordnat li għandhom jibqgħu impreġudikati d-drittijiet tal-kuraturi deputati. Fuq talba tal-kuraturi deputati, ir-Reġistratur intimat ħareġ taxxa 'come estromessi' tad-dritt professjonali tagħhom f'dik il-kawża, li huma qegħdin jesiġu l-ħlas tagħha mingħand il-bank rikorrenti.

Id-drittijiet professjonali li għandhom jiġu ntaxxati mir-Reġistratur intimat favur l-avukati, prokuraturi legali u kuraturi huma regolati permezz tat-Tariffa E tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta'

Malta. Din it-Tariffa tirregola *inter alia* d-drittijiet professjonali li għandhom jiġu ntaxxati favur l-avukati għall-atti li jiġu ppreżentati kif ukoll dak magħruf bħala 'd-dritt tal-aħħar' fuq is-sentenza finali.

L-artikolu 13 tat-Tariffa *de quo* jirregola d-dritt li għandu jiġi ntaxxat '*ad valorem*' fuq is-sentenza finali favur l-avukati tal-partijiet meta l-kawża tkun dwar somma flus. L-artikolu ta' wara jgħid illi meta d-deċiżjoni tkun dwar punt ta' fatt jew ta' liġi imma jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli, id-dritt relattiv għandu jinħadem skont l-artikolu 13, filwaqt illi l-artikolu 15 jistabbilixxi d-dritt li għandu jiġi ntaxxat meta s-sentenza tkun għal kull dikjarazzjoni oħra li jkun fiha deċiżjoni dwar xi punt ta' liġi jew ta' fatt.

It-Tariffa tirregola wkoll id-dritt li għandu jiġi ntaxxat meta kawża ma tkomplix u meta parti f'kawża tibdel l-avukat. Fil-fatt, l-artikolu 33 ta' din it-tariffa jaqra hekk:

> *"Jekk Avukat jitlaq lill-klijent jew jiġi abbandunat mill-klijent:*
>
> *(i) wara li r-rikors jew ir-risposta tkun ġiet preżentata, ikollu jedd għal terz tad-dritt normali;*
>
> *(ii) wara l-istadji ta' hawn fuq iżda qabel ma tiġi differita l-kawża għas-sentenza, jkun intitolat għal żewġ terzi tad-dritt normali."*

Fil-każ fl-ismijiet Speranza Gatt et vs Avukat Dottor Albert Libreri et, tat-18 ta' Frar 2010, intqal hekk dwar din ix-xorta ta' azzjoni:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu*

*eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrattiv li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss;*

*Illi huwa f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Huwa għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa bħal dik tista' tkun attakkata. Bħalma jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħrajn, huwa meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak;*

*Illi għalhekk, il-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni. Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid."*

Fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2017, il-partijiet qablu li t-taxxa in kwistjoni ġiet maħduma abbażi ta' tnejn minn tlieta tad-dritt professjonali bbażat fuq it-talbiet fir-rikors ġuramentat (ad valorem) a tenur tal-artikolu 33(ii) tat-Tariffa.

Għalkemm l-estromessjoni mhijiex imsemmija fit-Tariffa, din il-Qorti taqbel mal-intimati li din għandha titqies bħala

ċirkostanza kontemplata fl-artikolu 33 tal-istess Tariffa u ċioè meta avukat jitlaq jew jiġi abbandunat mill-klijent. Dan l-artikolu jitkellem biss dwar meta l-avukat jitlaq lill-klijent jew meta jiġi abbandunat mill-klijent mingħajr ma jagħmel l-ebda distinzjoni jew limitazzjoni fuq il-kuraturi deputati maħtura mill-Qorti. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li japplika wkoll il-prinċipju legali *quod lex non distinguit nec nos distinguere debemus*. Rilevanti wkoll huwa l-artikolu 41(a) tat-Tariffa li jiprovdi li d-drittijiet ta' kuraturi uffiċjali jkunu dawk stabbiliti fit-Tariffa.

Din il-Qorti ma tikkondividix it-teżi tal-bank rikorrent li r-Reġistratur intimat ma jistax jintaxxa d-drittijiet tal-kuraturi deputati estromessi qabel ma jkun hemm sentenza definittiva. Kif proprju irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet St George's Park Company Limited vs Dr Hugh Peralta et, tat-28 ta' April 2005:

> *"Avukat li ma jibqax jippatrocinja klijent f'kawza ghandu dritt ghal-hlas tieghu immedjatament, u mhux obbligat joqghod jistenna li l-kawza tigi determinata, specjalment meta tqies li darba li Avukat johrog minn kawza ma jkollux aktar kontroll fuq l-andament tal-kawza. Biex jista' jigi stabbilit x'inhu d-"dritt normali" mhux mehtieg li wiehed joqghod jistenna l-ezitu finali ta' kawza biex dan jigi determinat, u dan jista jigi kkalkulat fi kwalunkwe stadju tal-kawza, specjalment wara li l-provi f'kawza jkunu maghluqa."*[1]

Fis-sottomissjonijiet tiegħu imbagħad, il-bank rikorrenti jikkontesta t-taxxa in kwistjoni għaliex skont hu, kellha tkun ibbażata fuq l-artikolu 33(i) u mhux 33(ii) tat-Tariffa, xi ħaġa li huwa ma qajjimx fir-rikors tiegħu, u jabbanduna kompletament l-argument li t-taxxa ma kellhiex tiġi maħduma peress li għad m'hemmx sentenza definittiva.

Skont il-bank rikorrenti, ladarba (i) fir-risposta tagħhom il-kuraturi deputati rriżervaw li jippreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri u (ii) l-bank intimat ġie awtorizzat jippreżenta risposta

---

[1] Minn din il-parti tad-deċiżjoni ma ġiex intavolat appell.

ulterjuri fuq talba tal-mandatarju speċjali Dottor Vella Falzon, mela allura l-istadju tal-proċeduri bil-miktub kien għadu ma għalaqx meta ġew estromessi l-kuraturi deputati u li għalhekk id-dritt professjonali dovut lilhom kellu jiġi ntaxxat abbażi tal-artikolu 33(i) u ċioè terz tad-dritt normali, u mhux żewġ terzi abbażi tal-artikolu 33(ii) kif attwalment ġie ntaxxat.

Il-Qrati tagħna dejjem interpretaw l-artikolu 33(i) tat-Tariffa bħala riferenza għall-għeluq tal-proċeduri bil-miktub. Dwar dan, hemm qbil bejn il-partijiet. Madanakollu kif sewwa jissottometti r-Reġistratur intimat, il-fatt illi l-kuraturi deputati rriżervaw illi jippreżentaw risposta ulterjuri u l-mandatarju speċjali tal-bank intimat ngħata permess sabiex iressaq din ir-risposta, ma jfissirx illi l-istadju tal-proċeduri bil-miktub kien għadu m'għalaqx kif trid il-liġi tal-proċedura.

Kif jispjega r-Reġistratur, l-artikolu 728(2) tal-Kap. 12 jagħti lill-intimat id-dritt li jitlob permess sabiex iressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, u l-Qorti tista' tilqa' t-talba jekk tkun sodisfatta li jkun hemm raġunijiet validi għalfejn dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux ingħataw fir-risposta, imma li kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argument tal-bank rikorrenti, mela l-istadju tal-proċeduri bil-miktub jista' jitqies illi ma jkun magħluq qatt. Kif sewwa jkompli r-Reġistratur intimat, kull intimat, f'kull risposta ġuramentata, jagħmel ir-riżerva 'salv eċċezzjonijiet ulterjuri', imma dan ma jfissirx li b'daqshekk ma jkunx ingħalaq l-istadju tal-proċeduri bil-miktub malli tiġi preżentata r-risposta. L-intimat ma jistax jaqbad u jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri kif u meta jidhirlu.

Il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-segwenti artikoli tal-Kap. 12 li ma jħallu l-ebda dubju dwar meta jagħlaq l-istadju tal-proċeduri bil-miktub:

i. Artikolu 64(3) li jgħid illi f'kawża ta' ritassa '*Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha';*

ii. Artikolu 146(1) li jitkellem dwar l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell: '*Il-proċedura bil-miktub quddiem il-qorti*

*fi grad ta' appell titqies magħluqa bit-tweġiba għar-rikors, u fin-nuqqas ta' tweġiba, bl-egħluq taż-żmien mogħti għaliha'*;

iii. Artikolu 158(2) li jitkellem proprju dwar ir-risposta ġuramentata: '*Mal-preżentazzjoni tar-risposta ġuramentata jew malli jagħlaq iż-żmien stabbilit fis-subartikolu (1), l-proċeduri bil-miktub preliminari għandhom jitqiesu li huma magħluqa, u għandhom japplikaw l-artikoli 151 u 152.*

Dan l-aħħar artikolu huwa ċar u ma jistax jingħata interpretazzjoni diversa. Ladarba fil-każ in kwistjoni ġiet ippreżentata r-risposta ġuramentata, mela l-istadju tal-proċeduri bil-miktub jitqies magħluq u stante li l-estromessjoni tal-kuraturi seħħet wara, mela kien korrett ir-Reġistratur intimat meta ntaxxa favurihom żewġ terzi tad-dritt professjonali a tenur tal-artikolu 33(ii) tat-Tariffa. Ma jiswa xejn li l-partijiet ma jkunux jaqblu ma dak li tipprovdi t-Tariffa, għaliex ir-Reġistratur, kif ukoll il-Qorti, huma marbutin b'dak li tgħid il-liġi.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-każ riċenti fl-ismijiet Avukat Dottor Anthony Cutajar et vs Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et tat-2 ta' Marzu 2018:

> "*Tabilhaqq il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u ghalhekk, jekk provvediment tal-ligi jippreskrivi certu regoli, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita*."

Finalment u dwar it-tielet talba tal-bank rikorrenti, din il-Qorti hija tal-fehma li din għandha tiġi miċħuda għaliex tali talba mhijiex kontemplata f'kawża ta' ritassa magħmula taħt l-artikolu 64 tal-Kap. 12, kif inhi l-kawża tal-lum. Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti f'dawn il-proċeduri li tordna li l-ispejjeż tal-kuraturi għandhom jitħallsu minn xi parti jew oħra.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-bank rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG